MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 250/2000

**Illum, 14 ta' Lulju 2005**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alex Miruzzi)**

**Vs**

Johann Sultana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numru 47782(M), akkuzat talli:

Fis-27 ta' Marzu, 2000, wara nofs in-nhar gewwa il-Hamrun bil-hsieb li jaghmel hsara li xi persuni, akkuzajthom quddiem awtorita' kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti u dan bi ksur

tal-Artikolu 101(1) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekkuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS86 Anthony Lia, PC922 Valhmor Medati, PC1276 Frank Zerafa, PC319 Emanuel Vella persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu servizz pubbliku, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluixxi fuqhom kontra il-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jigifieri ta' PS86 Anthony Lia, PC922 Valhmor Medati, PC1276 Frank Zerafa, PC319 Emanuel Vella, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew jista' jaghmel, jew gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqgha taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 Kodici Kriminali jew ta' ligi ohra. Dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici (Kap 9 Ligijiet ta' Malta) kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Dan bi ksur tal-Artikolu 388(dd) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 342 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla FIAT mudell Punto b'numru ta' registrazzjoni ABH309 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz. Dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 Regolamenti tat-Traffiku.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra imsemmija fl-artikoli ta' qabel sub-titolu IV tal-Kap 9, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli jigifieri wahda mic-cellel tal-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ghad-dannu tal-Kummisarju tal-Pulizija u il-Gvern ta' Malta ghal aktar minn ghoxrin Lira Maltin (Lm20) pero' anqas minn hamsin Lira Maltin (Lm50) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila, fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor jigifieri il-qmis tal-uniformi ta' PC922 Valhmor Medati li ghandha valur ta' anqas minn ghaxar Liri Maltin (Lm10) ghad-detriment tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta. Dan bi ksur tal-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 Kodici Kriminali.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minhabba vettura bil-mutur fi triq, gar incident lil xi persuna, vettura, ziemel jew frat, ini bhal id-driver tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni ABH309 naqas li jieqaf u meta mitlub minn xi persuna, jaghti ismu u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid u l-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura bil-mutur. Dan bi ksur tal-Artikolu 67 Taqsima IV tal-Avviz Legali 128 tal-1994.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jieqaf fuq 'Stop Sign' u dan bi ksur tal-Avviz Legali numru 94 tal-1969.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala id-driver tal-vettura ABH309 ma kienx liebes is-seat belt u dan bi ksur tal-Artikolu 4 tal-Avviz Legali 129 tal-1995.

Kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligjiet ta' Malta li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Antonio Mizzi datata 10 ta' Mejju, 1999.

Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligjiet ta' Malta li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Silvio Meli datata 25 ta' Mejju, 1999.

Talli kiser zewg sentenzi sospizi ta' has li gew moghtija lilu it-tnejn mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dott.essa Consuelo Scerri Herrera fl-istess gurnata jigifieri fis-17 ta' Frar, 2000 liema sentenzi huma definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex l-imputat jigi processat minn dina l-Qorti.

Rat li l-imputat ma sabx oggezzjoni;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw:

- l-kalunja taht l-Artikolu 101(1) tal-Kap 9;
- l-holqien qarrieqi ta' reat taht l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9;
- l-ingurji u theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi kontra l-persuna taghhom taht l-Artikolu 95 tal-Kap 9;
- li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u fixkilhom li jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ossija l-offiza kontravenzjonali prevista fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9;
- li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;

- li qal kliem fahxi konsistenti f'dagha fil-pubbliku taht l-Artikolu 342 tal-Kap 9;
- li saq vettura numru ta' registrazzjoni ABH309 bla kont bi traskuragni u b'manjiera perikoluza taht l-Artikolu 15(1) tal-Kap 65;
- li ghamel hsara volontarja f'ammont ta' anqas minn Lm50 izda l-fuq minn Lm10 taht l-Artikolu 325(d) tal-Kap 9;
- li ghamel hsara involontarja ta' anqas minn Lm10 taht l-Artikolu 328(d) tal-Kap 9;
- li minhabba vettura bil-mutur ikkaguna incident kif previst fl-Artikolu 67 Taqsima IV tal-Avviz Legali 128/1994;
- li naqas li jieqaf fuq 'stop sign' skond l-Avviz Legali 94 tal-1969;
- li ma kienx liebes is-'seat belt' skond l-Avviz Legali 29/1995 Artikolu 4;
- li kiser kundizzjoni ta' liberta' kondizjonata taht l-Artikolu gja 9 tal-Kap gja 152;
- li kiser kundizzjoni taht l-Artikolu 5 tal-Kap 152 gja citat;
- li kiser zewg sentenzi sospizi ta' habs.

Il-fatti fil-qosor li taw origini ghal dawn l-akkuzi graw fis-27 ta' Marzu 2000, meta l-imputat waqt li kien qieghed isuq l-vettura ABH-309, li tirrizulta hi ta' missieru, kien twaqqaf l-ewwel darba minn PC1276 u ma waqafx u t-tieni darba ftit minuti wara meta l-imputat rega saq minn fejn kien l-kuntistabbli u hemmhekk argumenta mal-istess kuntistabbli tant li dan ta' l-ahhar kellu isejjah ghall-assistenza. Il-Pulizija li gew arrestaw lill-imputat u ttiehed l-ghassa tal-Hamrun. L-imputat hemmhekk beda jghajjat u jidghi u irresista li jidhol fic-cella bil-konsegwenza li ghamel hsara kemm lill-bieb tac-cella u l-uniformi tal-Pulizija. L-imputat fost l-istorbju li ghamel akkuza lill-Pulizija li kienu sawtuh.

Fuq dawn il-fatti li johorgu mill-provi l-Qorti qeghdha tara li jirrisultaw kontra l-imputat t-tielet, r-raba, l-hames, is-sitta, s-seba, it-tmienja, id-disa u l-hdax l-akkuza. Hi tal-fehma li ma jirrisultawx is-segwenti akkuzi, cioe':

- l-ewwel u t-tieni akkuza stante li m'hemmx l-elementi li jippruvaw ir-reat;
- l-ghaxar akkuza stante li mhux pruvata;
- t-tnax, tlettax u l-erbghatax l-akkuza stante illi ghandu jirrisulta li dawn gja ittiehdu in konsiderazzjoni.

Fuq l-iskorta ta' dak li inghad, wara li rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati fir-rigward dawk mir-reati li dwarhom qeghdha ssib l-imputat hati u wkoll l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap 9, qeghdha tikkundannah ghall-istess piena ta' prigunerija ta' sitt xhur u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena mill-lum. Tilliberah mill-bqija tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------